MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 752/2002

**A u b'digriet tal-10 ta' Lulju 2002 l-istess ABezzina giet appuntata bhala kuratrici *ad litem* sabiex tirrapprezenta lill-minuri C u D ahwa Bezzina.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 1 ta' Lulju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fit-2 ta' Mejju 1987, minn liema zwieg twieldu zewgt (2) itfal, il-minuri C ta' tnax (12)-il sena u D ta' disa' (9) snin, ahwa Bezzina; u

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet attribwiti lill-konvenut, u senjatament vjolenza, theddid, mohqrija w ingurji gravi *da parti* tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, u peress illi z-zwieg tkisser irremedjabbilment;

Illi l-attrici ottjeniet id-debita awtorizazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'digriet numru 352/02 sabiex tkun tista' tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn mal-konvenut quddiem din il-Qorti.

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid il-ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u dan ghar-ragunijiet premessi fic-citazzjoni u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tordna illi l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri, C u D, tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici, salv id-dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda lill-konvenut ghall-istess minuri, taht dawk il-kundizzjonijiet li hi jidrilha xierqa w opportuni.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici u dan ghaliha u ghall-minuri msemmija, dik ir-retta alimentarja xierqa w adegwata li tigi ffisata minn din l-istess Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-**Artikoli 48** *et sequitur* **tal-Kodici Civili.**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din l-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors (1) tal-attrici tal-1 ta’ Lulju 2002 fejn talbet li tigi mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C u D Bezzina.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-10 ta’ Lulju 2002 fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-17 ta’ Settembru 2002 a fol. 12 tal-process fejn ecceppixxa:-

1. Illi preliminarjament u kuntrarjament ghal dak li ntqal fic-citazzjoni odjerna, z-zwieg ta' bejn il-konjugi Bezzina iddeterjora primarjament minhabba l-personalita` pussessiva tal-attrici, minhabba l-agir vjolenti u ta' theddid

manifest *da parti* taghha, fil-konfront ta' zewgha l-konvenut u ta' wliedhom minuri;
2. Illi tali agir vjolenti u ta' theddid gie manifestat *da parti* ta' ABezzina fil-konfront ta' zewgha b'diversi modi fosthom billi refghet idejha fuqu, hedditu li kienet ser tnifdu u billi offendietu bi kliem li jwegga, bl-iskop li tipprovokah;

3. Illi *nonostante* l-attitudni tal-attrici, l-konvenut ghadu jhobb lil martu u di konsegwenza ghadu jemmen fil-possibilita ta' rikonciljazzjoni bejniethom, izda, madankollu, jekk l-attrici tippersisti u ma toffri l-ebda soluzzjoni, l-konvenut ma jibqalu l-ebda alternattiva hlief li jipprocedi ghas-separazzjoni personali;

4. Illi in vista tal-karattru vjolenti w irresponsabbli tal-attrici, hija m'ghandhiex tigi affidata l-kura u kustodja tal-ulied minuri kif ser ikun trattat fil-kawza;

5. Illi l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** u dawk segwenti, mhumiex applikabbli kontra l-konvenut *stante* li huwa la qatt irrenda ruhu hati ta' adulterju fil-konfront ta' martu l-esponenti, lanqas qatt m'abbanduna lill-parti l-ohra u wisq anqas irrenda ruhu hati ta' kwalsiasi ghemil li jaghti lok ghas-separazzjoni personali;

6. Illi l-konvenut jaqbel illi ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u *in oltre* jaqbel illi l-oggetti li jiffurmaw parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda favur l-esponenti u l-ohra favur il-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 14 sa 16 tal-process.

Rat ir-rikors (1) tal-konvenut tat-8 ta’ Ottubru 2002 fejn talab li jigi varjat id-digriet tas-Sekond’ Awla tal-5 ta’ Marzu 2002 billi tillikwida u tordna li s-somma pagabbli mir-rikorrenti bhala manteniment ghaz-zewg ulied minuri,

C u D, u cioe` s-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar ghandha tithallas ugwalment bejn il-kontendenti, u kull parti ghandha taghmel tajjeb ghal nofs l-ispejjez konnessi mal-edukazzjoni tat-tfal, inkluz it-trasport u d-donazzjoni tal-iskejjel, filwaqt li tikkonferma l-provvediment moghti mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond’ Awla fid-digriet imsemmi ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez tad-dar, inkluz il-kera, id-dawl u l-ilma.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-9 t’Ottubru 2002 fejn ikkonfermat id-digriet tal-5 ta’ Marzu 2002 tas-Sekond’ Awla b’dan li jekk ihoss il-bzonn, ir-rikorrenti jipprocedi skond il-ligi ghall-esekuzzjoni tal-istess digriet u allura f’dak l-istadju cahdet it-talba tar-rikorrenti.

Rat id-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili Numru 352/2002 presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia datat 5 ta’ Marzu 2002 wara rikors ta’ l-attrici datat 18 ta’ Lulju 2001 fejn l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni b’citazzjoni, u l-kura u l-kustodja ta’ l-ulied giet fdata f’idejn l-attrici bi dritt ta’ access liberu kif jiftehmu l-partijiet u fejn il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ghall-uliedu fl-ammont ta’ mitt lira Maltin (Lm100) pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici w apparti li l-konvenut gie ordnat ihallas l-ispejjez kollha konnessi ma’ l-edukazzjoni tat-tfal, inkluz l-ispejjez kollha konnessi ma’ l-edukazzjoni tat-tfal, inkluz it-trasport u donazzjoni b’dan li l-ispejjez tad-dar inkluz kera, dawl u ilma jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 t’Ottubru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavits lill-partijiet ta’ hamsin (50) jum kull wiehed. Il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lill-Dr. Richard Sladden u ordnat lill-istess Perit Legali biex wara t-terminu tal-affidavits attrici jiffissa tlett seduti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici u wara t-terminu tal-affidavits tal-konvenut jiffissa tlett seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut, kollox fil-mori ta' dan id-differiment u wara dan il-Perit Legali gie awtorizzat minn dak inhar tad-digriet li jirrelata, a spejjez provizorjament attrici. Il-kawza giet ghalhekk differita ghar-rapport ghall-4 ta' Novembru 2003.

Rat ir-rikors (2) tal-attrici tat-8 ta' Novembru 2002 fejn talbet li jigu ffissati l-granet u l-hinijiet li fihom l-intimat ghandu jinghata l-access fil-konfront tal-minuri, u dan sabiex jigu evitati ekwivoci u tilwim bla bzonn bejn il-partijiet.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-12 ta' Novembru 2002 fejn giet ordnata n-notifika lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta u fejn ghandu jissugerixxi granet u hinijiet ghall-access preferibbli ghalih.

Rat ir-risposta tal-konvenut tas-16 ta' Settembru 2003.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Settembru 2003 fejn ordnat in-notifika tal-atti ta' dan ir-rikors lill-Perit Legali biex b'nota jiddikjara x'baqa' provi x'jingabru b'referenza ghad-digriet tal-Qorti tal-5 ta' Novembru 2002.

Rat id-digriet finali tal-Qorti tat-18 ta' Novembru 2003 fejn wara li rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2003 astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess rikors.

Rat in-nota tal-attrici **ABezzina** tat-28 ta' April 2003 fejn prezentat l-affidavit taghha stess datat 28 ta' April 2003 fejn ukoll hija ghamlet is-suggerimenti taghha ghas-separazzjoni, kif fuq kollox giet mitluba taghmel minn din il-Qorti (fol 59 sa 65).

Rat ir-rikors (3) tal-attrici tal-25 ta' Gunju 2003 fejn talbet li ssir komunika mill-gdid lill-Perit Legali bin-nomina tieghu jew fin-nuqqas jigi sostitwit b'Perit Legali iehor.
Rat li l-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta b'dan li l-Perit Legali ghandu b'nota jindika s-seduti ffissati minnu skond id-drigriet tal-5 ta' Novembru 2002.

Rat ir-risposta tal-konvenut tas-16 ta' Settembru 2003.

Rat id-digriet finali tal-Qorti tat-18 ta' Novembru 2003 fejn wara li rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2003 astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess rikors.

Rat in-nota tal-konvenut **Emmanuel Bezzina** tat-2 ta’ Settembru 2003 fejn prezenta l-affidavit tieghu stess ta’ l-istess data. (fol 74 sa 81).

Rat ir-rikors (4) tal-attrici tat-12 ta’ Settembru 2003 fejn talbet li tressaq bhala xhud lil Rapprezentant tal-*Malta Tourisim Authority* fi hdan id-Dipartiment tat-Turizmu limitatament sabiex jipprezenta l-FSS *forms* tal-konvenut u kemm il-darba din il-Qorti tilqa’ din it-talba tezenta lill-istess rapprezentant sabiex jesebixxi l-istess *forms*.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta’ Settembru 2003 fejn laqghet it-talba.

Rat ir-rikors (2) tal-konvenut tat-3 t’Ottubru 2003 fejn talab li jigi rivedut id-digriet tas-Sekond’ Awla tad-19 ta’ Frar 2002 li bih l-attrici nghatat il-kura u l-kustodja tal-ulied minuri *pendente lite*, b’tali mod li l-kura u kustodja ta’ l-imsemmija wlied tigi formalment fdata f’idejn l-esponenti sabiex tkun tirrifletti ahjar is-sitwazzjoni fattwali li qeghdin jghixu fiha l-ulied u dan ghall-gid ta’ l-istess minuri.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-6 ta’ Ottubru 2003 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’jumejn zmien ghar-risposta u ordnat lill-konvenut jaghlaq il-provi tieghu skond kif diga ddegretat.

Rat ir-risposta tal-attrici tas-16 ta’ Ottubru 2003.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta’ Novembru 2003 fejn f’dak l-istadju cahdet it-talba *stante* li jidher li l-kontendenti qed jghixu fl-istess dar.

Rat ir-rikors (5) tal-attrici tal-20 ta’ Ottubru 2003 fejn talbet li tigi ffissata seduta ohra sabiex isir il-kontro ezami tal-konvenut u biex jixhed ir-rapprezentant tad-Dipartiment tat-Turizmu.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-22 t’Ottubru 2003 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tal-4 ta’ Novembru 2003 fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tat-22 ta' Ottubru 2003 u ordnat li tinzamm l-ahhar seduta diga ffissata ghat-13 ta' Novembru 2003 fil-11.00am. Wara tali seduta, l-provi attrici gew iddikjarati maghluqa u mill-bqija kkonfermat ghall-ahhar darba d-digriet taghha tal-5 ta' Novembru 2002. Dr. Bezzina talbet li jigi nominat *social worker* sabiex jezamina l-istat tal-minuri. Il-Qorti *in vista* ta' l-oppozizzjoni li saret ghal tali nomina minn Dr. Michael Tanti Dougall, ghall-konvenut, cahdet it-talba u talbet li jingiebu l-minuri quddiemha fis-seduta li jmiss, fit-18 ta' Novembru 2003 fil-11.00a.m., ghal meta giet differita l-kawza.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Novembru 2003 fejn b'referenza ghar-rikors tal-25 ta' Gunju 2003, Dr. Graziella Bezzina rrinunzjat ghat-talba. Il-Qorti rat ir-rikors tat-8 ta' Ottubru 2003. Rat ir-risposta. F'dak l-istadju cahdet it-talba *stante* li jidher li l-kontendenti qed jghixu fl-istess dar. Dr. Graziella Bezzina rrinunzjat ukoll ghar-rikors tat-8 ta' Novembru 2002. Il-Qorti ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess rikors. Il-Qorti ordnat li tinzamm l-ahhar seduta fis-26 ta' Novembru 2003. Il-konvenut iddikjara li provi izjed bl-affidavit m'ghandux. L-attrici kkonfermat bil-gurament li hlief ghall-*joint account* u kontijiet ohrajn fuq it-tfal, hija m'ghandhiex kontijiet bankarji fuq isimha. It-tfal ghandhom kont kull wiehed mal-BOV, Cospicua b'elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300) kull wiehed. L-attrici tahdem bhala *freelance tourist guide* u taqla’ bejn tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) sa erbat elef lira Maltin (Lm4,000) fis-sena *gross*. L-attrici obbligat ruhha li fi zmien ghaxar t’ijiem tipprezenta dokumenti relattivi in konnessjoni ma' l-istess. Fil-*joint account* hemm madwar hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000). Il-fond matrimonjali huwa bil-kera. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali sabiex jiffissa tlett seduti ghall-provi kollha tal-konvenut u tali seduti ghandhom jigu ffissati mhux aktar tard minn l-ahhar ta' Frar 2004. Il-Qorti ghamlita cara li mhux se testendi dan it-terminu anke peress li mid-digriet tal-5 ta' Novembru 2002, jidher li ftit li xejn sar. Il-Qorti qabel ma kellmet lill-minuri fis-sigrieta taghha, avzat lill-partijiet ghall-ahhar darba li jekk jibqa' d-

disgwid fl-istess dar, *pendente lite*, bi pregudizzju ghall-istess minuri, hija se tiehu passi sabiex wiehed mill-kontendenti jigi ordnat jizgombra mid-dar konjugali. Il-Qorti kellmet lill-minuri u hadet idea dwar is-sitwazzjoni prezenti fid-dar. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghat-30 ta' Marzu 2004.

Rat il-verbal tat-30 ta' Marzu 2004 fejn Il-partijiet infurmaw lill-Qorti li ser jitransigu, pero` l-Qorti sabet li jidher li fil-fatt il-partijiet ghadhom il-boghod milli fil-fatt jitransigu. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex jikkonkludi l-inkarigu tieghu. Il-kawza giet differita ghas-17 ta' Gunju 2004 ghar-rapport.

Rat ir-rikors (3) tal-konvenut tas-27 t'April 2004 fejn talab li l-Qorti takkordalu l-ahhar seduta ghall-konkluzjoni tal-provi tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-29 ta' April 2004 fejn laqghet it-talba *purche`* din tkun l-ahhar seduta u ssir qabel id-differiment li jmiss b'ordni tal-Qorti. Ordnat ukoll li ssir notifika ta' dan id-digriet lill-Perit Legali mill-konvenut stess.

Rat il-verbal tas-17 ta' Gunju 2004 fejn il-Perit Legali nforma lill-Qorti li l-provi huma maghluqa. Il-kawza giet differita ghat-13 t'Ottubru 2004 ghar-rapport.

Rat ir-rikors (6) b'urgenza tal-attrici tas-16 ta' Settembru 2004 fejn talbet li l-minuri D Bezzina jibqa' jattendi l-Kullegg ta' St Edward u ma jigix spostat fi skejjel ohra.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi tas-16 ta' Settembru fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti.

Rat ir-risposta tal-konvenut tad-29 ta' Settembru 2004.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia tas-6 ta' Ottubru 2004 fejn laqghet t-talba fir-rikors ta' l-attrici datat 16 ta' Settembru 2004 b'dan li l-minuri kellu jibqa' jattendi l-iskola *Saint Edwards* fejn kien qed jattendi, b'dan li l-

ispejjez edukattivi ghandhom jigi sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

Rat ir-rikors (7) tal-attrici tat-12 t'Ottubru 2004 fejn talbet li l-manteniment pagabbli fil-konfront tal-minuri u li ghandu jigi percepit mill-attrici, fl-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar, ghandu jibda jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut.

Rat id-digriet tat-13 ta' Ottubru 2004 ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph R. Micallef fejn wara li ra l-**artikolu 381 (3) tal-Kap 12**, laqghet it-talba w ordnat li ssir in-notifika mehtiega.

Rat il-verbal tat-13 t'Ottubru 2004 fejn il-kawza giet differita ghat-3 ta' Frar 2005 ghaliex din il-Qorti kienet attwalment indisposta.

Rat ir-rikors (4) tal-konvenut tal-14 t'Ottubru 2004 fejn talab li l-Qorti tiffissa gurnata biex tisma' lill-minuri D Bezzina in konnessjoni ma' l-ghazla ta' l-ahjar skola ghalih u sussegwentement tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 2004 ghall-gid tal-istess minuri.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia tal-14 ta' Ottubru 2004 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti u rriservat li tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent filwaqt xieraq.

Rat ir-risposta tal-attrici tal-20 t'Ottubru 2004.

Rat rikors (5) iehor tal-konvenut iehor datat 14 ta' Ottubru 2004 a fol. 163 tal-process fejn il-Qorti ntalbet biex tisma' urgentement lill-minuri.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph R. Micallef tal-14 ta' Ottubru 2004 fejn irriservat li tipprovdi ghall-istess filwaqt xieraq.

Rat ir-risposta ta' l-attrici datata 20 ta' Ottubru 2004.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia datat 15 ta’ Novembru 2004 (fol. 169) fejn gie decretat li *“billi dak li gie ordnat mill-Qorti qatt ma gie attwat, cahdet it-talba”.*

Rat ir-rikors (6) b’urgenza tal-konvenut tat-23 ta’ Dicembru 2004 fejn talab li l-Qorti tvarja d-digriet tas-Skond’ Awla li jgib in-numru 352/2002 fis-sens illi takkorda l-kura u l-kustodja kongunta taz-zewg ulied minuri u tinnomina *social worker* sabiex jghin lill-minuri C.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenza fejn laqghet it-talba, tali digriet datat 24 ta’ Dicembru 2004.

Rat ir-rikors (7) tal-konvenut datat ukoll 23 ta’ Dicembru 2004 fejn talab li r-rikors li pprezenta dak inhar stess jigi trattat bl-urgenza.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia tal-24 ta’ Dicembru 2004 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti.

Rat ir-risposta tal-attrici tas-7 ta’ Jannar 2004 a fol. 176 tal-process

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif attwalment presjeduta tat-12 ta’ Jannar 2005 fejn laqghet it-talba biss fis-sens li a spejjez taz-zewg partijiet innominat lill-Agenzija Appogg sabiex permezz ta’ *social worker* tinvestiga l-kaz, u fi zmien qasir tirrelata dak necessarju fl-interess tal-minuri dwar il-kura u kustodja tal-minuri C u D Bezzina kollox a fol. 182 tal-process, digriet li gie komunikat b’*fax* lill-Agenzija Appogg fis-17 ta’ Jannar 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Richard Sladden fil-11 ta’ Settembru 2003; fit-23 ta’ Settembru 2003 fejn xehed **James Duca** ghas-socjeta` APS Bank Limited; tat-23 ta’ Settembru 2003 fejn xehdu **Vanessa Camilleri** ghan-nom tal-Lombard Bank (Malta) plc, **Paul Gambina** ghan-nom tas-socjeta` Bank of Valletta plc, **WPC 123 Janette Cicala** li esebiet diversi

rapporti mmarkati bhala Dok. “JC 1” sa Dok. “JC 8”; tal-25 ta’ Settembru 2003 fejn ma sar xejn; tad-29 ta’ Settembru 2003 fejn xehdet **Catherine Fenech**; tal-20 t’Ottubru 2003 fejn reghet xehdet **Catherine Fenech**; tat-23 ta’ Ottubru 2003; tas-27 ta’ Ottubru 2003 fejn xehed il-konvenut **B**; tat-13 ta’ Novembru 2003 fejn xehdet l-attrici **ABezzina in kontro-ezami**; tas-26 ta’ Novembru 2003 fejn xehdu **Paul Gambina**, **Catherine Fenech**, **Vanessa Camilleri**, **Samuel Nicholl**, u **l-attrici ABezzina**; tal-10 ta’ Dicembru 2003 fejn xehdu **Elizabeth Ellul**, **Joanne Falzon** u esebiet l-introjtu tal-konvenut ghas-snin sas-sena 2003 minn Dok. “JF 1” sa Dok. “JF 5”, u **Annabelle Pavia**; tas-16 ta’ Jannar 2004 fejn xehdet **Elizabeth Ellul**; tas-6 ta’ Frar 2004 fejn xehed **John Azzopardi**, **Ray Azzopardi**, u **Andre` Farrugia**; tat-22 ta’ April 2004 fejn xehed **l-Ispettur Alfred Mallia**; tal-20 ta’ Mejju 2004 fejn xehdet **Maria Concetta Rizzo**; tal-24 ta’ Mejju 2004 fejn xehdet in **ri-ezami Maria Concetta Rizzo** u l-attrici **ABezzina in kontro-ezami**.

Rat id-dokumenti kollha esebiti quddiem il-Perit Legali fol 348 sa 612.

Rat ir-relazzjoni prezentata mill-Perit Legali Dr. Richard Sladden fis-seduta tat-3 ta’ Frar 2005 (fol 613 sa 627).

Rat il-verbal tat-3 ta’ Frar 2005 fejn il-Perit Legali Dr. Richard Sladden halef ir-rapport. Id-difensuri ghandhom jindagaw min hu s-*social worker* tal-Agenzija Appogg. Il-Qorti ordnat lill-avukati biex jikkomunikaw mal-Agenzija Appogg sabiex ikunu jafu min hi s-*social worker* nominata mill-Agenzija Appogg u jharkuha ghas-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghad-9 ta' Marzu 2005 wara l-10:00am fejn il-minuri ghandhom jigu wkoll.

Rat in-nota tal-konvenut tal-21 ta’ Frar 2005 fejn informa lill-Qorti li s-*social worker* appuntata mill-Agenzja Appogg hi Miss Marisa Gatt (fol 631).

Rat in-nota tal-Dr. Emy Bezzina tal-1 ta’ Marzu 2005 fejn informa lill-Qorti li hu assuma l-patrocinju tal-konvenut.

Rat ir-rikors (8) tal-konvenut tal-1 ta' Marzu 2005 fejn talab li jigi eskuss il-Perit Legali.

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu 2005 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti.

Rat ir-risposta tal-attrici tal-15 ta' Marzu 2005.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-17 ta' Marzu 2005 fejn laqghet it-talbiet fis-sens li l-eskussjoni ghandha ssir kif gja ordnat fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2005, liema eskussjoni kellha ssir quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbal tad-9 ta' Marzu 2005 fejn dehru l-partijiet assistiti u s-*social worker* Marisa Gatt li nfurmat lill-Qorti li kelmet lit-tifel D anke fuq skola, fejn dan infurmaha li ieghed kuntent fl-iskola fejn qed jattendi bhalissa. Xehdet is-***Social Worker*** **Marisa Gatt.** Il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistenta Gudizzjarja sabiex Dr. Emmy Bezzina jeskuti lill-Perit Legali Dr. Richard Sladden. Il-kawza giet posposta biex il-Qorti tkellem lill-minuri. Il-Qorti kellmet lil C Bezzina ta' hmistax-il sena. Il-Qorti spjegat lill-minuri li ta' dik l-eta` ghandha tiddeciedi ma' liema genitur trid tghix, u taghmel mezz li sakemm il-Qorti tasal biex tiddeciedi tinfumaha bl-ghazla taghha. Il-Qorti kellmet ukoll lil D li ghandu tnax-il sena, li wera x-xewqa li jekk sfortunatament ommu u missieru jinfirdu huwa jghix ma' missieru b'access ma' l-omm. Dwar l-iskola accerta lill-Qorti li huwa kuntent fejn qed jattendi llum (cjoe` Junior Lyceum - Verdala). Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Gunju 2005 ghall-kontinwazzjoni u finali trattazzjoni.

Rat ir-rikors (8) tal-attrici tal-10 ta' Marzu 2005 fejn talbet li l-manteniment pagabbli mill-konvenut fil-konfront tal-minuri fl-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar ghandhom jinqatghu direttament mill-paga tal-konvenut u jigu depozitati f'akkont bankarju intestat lill-attrici, kif ukoll talbet li ghal darba wahda biss jinqatghu wkoll l-arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut lill-esponenti ghall-minuri ghax-xhur ta' Frar 2005 u Marzu 2005 fl-ammont

kumplessiv ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) mill-paga tal-konvenut, u jigu depozitati f’akkont bankarju intestat lill-attrici mal-manteniment.

Rat id-digriet tal-15 ta’ Marzu 2004 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-28 ta’ Marzu 2005.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-1 t’April 2005 fejn laqghet t-talbiet kif dedotti fir-rikors ta’ l-attrici datat 10 ta’ Marzu 2005 u ordnat li b’nota fi zmien jumejn l-istess attrici tindika l-kont bankarju intestat f’isimha fejn l-istess ammont ta’ manteniment ghandu jigi depozitat. Ordnat lill-attrici sabiex tinnotifika formalment kopja legali ta’ dan id-digriet u nota minnha pprezentata bid-dettalji relattivi lid-Dipartiment tal-Finanzi u lill-*Accountant General* sabiex l-istess *employer* tal-konvenut jirregola ruhu ma’ l-istess, b’mod li l-manteniment tal-minuri jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut u jithallas kif huwa ordnat, tali notifika a spejjez attrici. Il-partijiet kellhom jaraw li josservaw it-termini tad-digriet datat 9 ta’ Marzu 2005.

Rat in-nota tal-attrici tas-6 ta’ April 2005 fejn iddikjarat il-kont bankarju li ghandu jigi depozitat fih il-manteniment a fol. 674 tal-process u huwa kont numru 40014174571 Bank of Valletta p.l.c.

Rat in-nota tal-konvenut tal-20 ta’ April 2005 fejn permezz taghha prezenta l-ewwel sett ta’ domandi in eskussjoni lill-Perit Legali b’kollox 28 domanda.

Rat in-nota tal-konvenut tal-28 ta’ April 2005 fejn permezz taghha prezenta it-tieni sett ta’ domandi in eksussjoni lill-Perit Legali bi 13-il domanda ohra.

Rat ix-xhieda in eskussjoni tal-Perit Legali Dr. Richard Sladden tat-3 ta’ Mejju 2005 u tal-20 ta’ Mejju 2005.

Rat ir-rikors (9) tal-konvenut tad-19 ta’ Mejju 2005.

Rat id-digriet tad-19 ta' Mejju 2005 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti.

Rat ir-risposta tal-attrici tas-6 ta' Gunju 2005.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-8 ta' Gunju 2005 fejn f'dan l-istadju avvanzat tal-kawza cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrent fl-istess rikors tieghu, b'dan li l-genituri ghandhom jaraw li bl-ebda mod ma ghandhom jinvolvu lil uliedhom fil-pika esagerata taghhom.

Rat il-verbal tat-28 ta' Gunju 2005 fejn dehret is-*social worker* Marisa Gatt li nfurmat lill-Qorti li r-rapport ma thallasx. Il-Qorti ordnat li s-seduti tal-Perit Legali jidhlu fil-process, haga li ghadha ma saritx minkejja l-fatt li r-rapport ilu pprezentat mit-3 ta' Frar 2005. Il-partijiet infurmaw lill-Qorti li ser ihallsu r-rapport fi zmien 10 t'ijiem mill-lum. Taht din il-kundizzjoni s-*social worker* Marisa Gatt halfet ir-rapport. Dr. Graziella Bezzina ghall-attrici talbet li tipprezenta nota t'osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 40 gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolo ghat-30 ta' Novembru 2005.

Rat ir-rapport tas-*social worker* Marisa Gatt (fol 792 sa 797).

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici tad-29 ta' Awissu 2005.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut datata 24 t'Ottubru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

## (i) XHIEDA PRODOTTA

Illi xehdet **ABezzina** l-attrici li tat ix-xhieda taghha permezz ta' affidavit. Hija stqarret illi l-konjugi Bezzina zzewwgu fl-1987 u ghamlu xi zmien ighixu mal-genituri tal-konvenut. L-attrici dak iz-zmien kienet tahdem bhala segretarja. Skond l-attrici, il-konjugi Bezzina damu jghixu mal-genituri tal-konvenut ghal madwar sena u hames xhur wara li zzewwgu.

Illi l-attrici stqarret illi mill-ewwel li zzewwgu kienu jitlewmu. Skond l-attrici, l-konvenut dejjem kien isib ma' xiex jaqbad. Hija kompliet tghid li maz-zmien il-glied bejniethom zdied anki wara t-twelid tal-ewwel tarbija. L-attrici qalet li l-konvenut kien jinsulentaha u jghajjarha u li beda jsir aggressiv partikolarment meta jkun taht l-effett tal-alkohol. Fil-fatt l-attrici spjegat illi: "*Meta jixrob, hu jibda jhossu untouchable".* F'kull okkazjoni ta' xorb, kienet tispicca fl-inkwiet bejn il-konjugi Bezzina.

Illi l-attrici semmiet li diversi ncidenti kienu jispiccaw fi glied bl-idejn. Hija semmiet li kemm-il darba kien hemm interventi tal-Pulizija wara li hi jew il-girien kienu jinfurmawhom. L-attrici stqarret li ghamlet diversi rapporti fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla u kemm-il darba, l-konvenut kecciha mid-dar matrimonjali.

Illi l-attrici stqarret illi madwar l-1998, hi kienet telqet mid-dar bit-tfal u ghamlet xi ghaxart’ ijiem nieqsa mid-dar u fuq ordni tal-Qorti, il-konvenut kien tkecca mid-dar. Hija kienet accettat li tmur lura d-dar. Skond l-attrici, l-affarijiet marru ghall-aghar.

Illi l-attrici stqarret illi wara t-twelid tat-tieni wild, hija bdiet tahdem bhal *'tourist guide'* u kull qliegh nefqithom fid-dar. Skond l-istess attrici, il-konvenut waqaf itiha flus ghall-hajja. Dan kien ghal habta tal-1999. L-attrici qalet li l-konvenut waqaf itiha manteniment ghaliha u ghat-tfal. L-attrici tenniet illi hija baqghet ghaddejja bit-tisjir, tindif, bix-xoghol u anki torqod mal-konvenut.

Illi l-attrici semmiet ukoll diversi affarijiet li skond hi l-konvenut kien ipprova jdahhal f'mohh it-tfal. Skond l-attrici, il-konvenut gieli heddidha li se joqtolha.

Illi l-attrici stqarret li zewgha qabad u rtira xi *'bonds'* li kellhom u anki gibed flus mill-kontijiet bankarji li kienu f'isem il-konjugi Bezzina.

Illi skond l-attrici, l-konvenut jahdem mal-Gvern u ghandu l-kariga ta' *"Senior Principal Officer"*.

Illi l-attrici stqarret li t-tfal qed ibatu hafna mis-sitwazzjoni ta' bejn il-kontendenti.

Illi skond l-attrici d-dar matrimonjali hija l-fond 'The Cottage', Marina Wharf, Kalkara u l-kera ta' tlett mija u tmienja u tlettin lira Maltin (Lm338) fis-sena tithallas lid-Dipartiment tal-Artijiet. Il-konjugi Bezzina nefqu ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) biex regghu bnew id-dar ghax kienet fi stat hazin ta' manutenzjoni. L-attrici tat rendikont ta' x'tikkomprendi l-Komunjoni tal-Akkwisti.

Illi fil-kontro-ezami taghha, l-attrici xehdet illi hija qed tahdem bhala *'tourist guide'* skond il-bzonn. Hija xehdet li l-iktar socjeta` li thaddimha hi s-socjeta` *Sterling Travel and Tourism Limited*. Hija stqarret li hi thallas it-taxxa u l-bolla u li hija VAT-exempt.

Illi xehdet ukoll **Maria Concetta Rizzo** din ix-xhud tigi omm l-attrici. Hija riedet tispjega dak li l-konvenut seta' ta x'jifhem u cioe` li z-zwieg bejn il-konjugi Bezzina spicca minhabba l-genituri tal-attrici.

Illi hija ssostni li hi u zewgha ma kienux jindahlu fil-hajja privata tal-konjugi Bezzina. Hi ssemmi incident meta l-konjugi Bezzina kellhom l-ewwel wild li kienet tifla u l-konvenut ried tifel u l-attrici kienet hadet kedda.

Illi x-xhud issemmi li z-zwieg tal-konjugi Bezzina kien mimli glied u tat diversi ezempji.

Illi x-xhud issemmi wkoll li l-attrici ghamlet zmien tghix ghandhom wara z-zwieg minhabba incident kif spjegat fl-istess xhieda. Hi tkompli tghid li waqt dan iz-zmien, il-konvenut kemm-il darba cempel id-dar u talabhom skuza u anki biex ighidu lill-attrici terga' lura d-dar. L-attrici kienet regghet marret tghix fid-dar matrimonjali.

Illi x-xhud tghid ukoll li l-konvenut kemm-il darba kien icemplilhom bil-lejl u jghajjarhom fuq it-telefon. Semmiet ukoll xi okkazjonijiet fejn kienet icemplilhom binthom l-attrici u tghidilhom li kienet l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla ghax il-konvenut ikun hebb ghaliha.

Illi Maria Concetta Rizzo ssemmi li l-attrici dejjem hadmet sa tlitt snin wara z-zwieg u waqfet mix-xoghol meta kienet se twelled l-ewwel wild. Ix-xhud qalet ukoll li l-attrici qaltilha li l-konvenut ilu hames snin ma jtiha manteniment.

Illi x-xhud ghamlet elenku tal-affarijiet li l- genituri tal-attrici taw lill-konjugi Bezzina ghad-dar.

Illi qalet ukoll li l-konjugi Bezzina ghad ghandhom debitu versu taghhom ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) rapprezentanti parti minn somma ikbar mislufa lilhom mill-genituri tal-attrici.

Illi xehed **James Duca.** Dan ix-xhud li jahdem fl-ufficcju legal tal-APS Bank Limited xehed illi l-konvenut m'ghandux kontijiet bankarji jew investimenti mal-imsemmi bank.

Illi xehdet **Vanessa Camilleri.** Ix-xhud li tahdem bhala *'supervisor'* mal-Lombard Bank (Malta) plc xehdet illi l-konvenut m'ghandux kontijiet bankarji jew investimenti mal-imsemmi bank.

Illi l-istess xhud xehdet illi l-attrici m'ghandiex kontijiet mal-bank imsemmi.

Illi **Sammy Nicholl**, ix-xhud in rapprezentanza tal-APS Bank Limited, xehed illi l-attrici m'ghandiex kontijiet mal-bank imsemmi.

Illi **Paul Gambina,** ix-xhud li jahdem bhala *'Senior Manager' (Legal Office)* mal-Bank of Valletta plc xehed illi mir-ricerki li ghamel jirrizulta *'joint account fixed'* f'isem il-konjugi Bezzina bin-numru 40010579727 li nfetah fl-14 ta' Mejju, 2001 fl-ammont ta' ghaxar t'elef mija u erbgha u hamsin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm10,154.81) u li fid-data tas-seduta kellu ghaxar t'elef disa' mija u sitta u tmenin lira Maltin u seba' u sebghin centezmu (Lm10,986.77) u kont iehor f'isem il-konvenut li huwa *'term deposit'* bin-numru 40010252138 li nfetah fid-29 ta' Dicembru, 2000 fl-ammont ta' hames t'elef (Lm5,000) w inghalaq fil-5 ta' Jannar, 2001 meta ngibdu hames t'elef u erba' lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm5,004.11). Ix-xhud xehed illi ma jistax ighid dwar il-provenjenza tal-flus *'cash'* depozitati meta nfetah l-ahhar kont imsemmi.

Illi x-xhud xehed ukoll illi l-attrici ghandha jew kellha 3 kontijiet mal-Bank of Valletta plc u cioe` *'Savings Account'* bin-numru 16509060027 li nfetah fis-27 ta' Settembru, 1999 u ghandu bilanc ta' elf tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltin u erba' u hamsin centezmu (Lm1,382.54); *'Savings Account'* bin-numru 16509060014 li nfetah fis-27 ta' Settembru, 1999 u inghalaq fil-11 ta' Gunju, 2002 u *'Savings Account'* bin-numru 40011673651 li nfetah fil-11 ta' Gunju, 2002 u l-bilanc hu ta' elf tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin u erba' u sittin centezmu (Lm1,353.64).

Illi **WPC123 Janette Cicala**, ix-xhud in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija xehdet u pprezentat 8 rapporti maghmula mill-attrici.

Illi **Catherine Fenech**, ix-xhud li tkopri l-kariga ta' *"supervisor"* fl-ufficcju legali tal-HSBC Malta plc, xehdet illi l-konvenut kellu *'fixed deposit'* X123831 li nfetah fid-9 ta' Lulju, 1986 u inghalaq fil-25 ta' Lulju, 1989. L-ammont li kien hemm meta infetah dan il-kont kien ta' erba' t'elef sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm4,672) u meta dan il-kont inghalaq kien hemm erba t'elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500). Din is-somma tal-ahhar giet trasferita ghall-kont *'Savings'* bin-numru 404146483 f'isem il-

konvenut. Dan il-kont tbiddillu n-numru u sar 040002735050. Skond ix-xhud, dan il-kont ghadu miftuh u ghandu bilanc ta' erba’ mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm478.43).

Illi x-xhud xehdet ukoll illi hemm kont iehor *‘Savings Account’* bin-numru 404090143 f'isem il-konvenut liema kont infetah fid-29 t'Awwissu, 1981 u inghalaq fil-25 ta' Mejju, 1988 meta kellu bilanc ta' sitt mija u wiehed u disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm691.42).

Illi x-xhud xehdet ukoll illi hemm 3 kontijiet *‘joint accounts’* f'isem il-konjugi Bezzina:

(a) *‘Savings Account’* numru 404129393 li nfetah fid-9 ta' Dicembru, 1989 bil-bilanc ta’ mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm122) u inghalaq fit-22 ta' Settembru, 1995 bil-bilanc ta' tlett elef u tnejn u hamsin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm3,052.67).

(b) *‘Savings Account’* numru 404225170 li nfetah fis-17 ta' Ottubru, 1997 bil-bilanc ta' seba’ t’elef u ghoxrin lira Maltin (Lm7,020) u ghadu miftuh bil-bilanc ta' tlett mija u hdax-il lira Maltin (Lm311).

(c) *‘Current Account’* numru 401008829 li nfetah fit-8 ta' Marzu, 1999 bil-bilanc ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u ghadu miftuh bil-bilanc ta' hames liri Maltin (Lm5).

Illi x-xhud xehdet f'seduta sussegwenti illi kien hemm *‘joint account’* iehor u cioe` *‘fixed deposit’* fil-branka tal-Bank f'Bormla liema kont inghalaq fit-8 ta' Marzu, 2000.

Illi kien hemm kont iehor *'joint'* u cioe` *‘Current Account’* bin-numru 401184597 fil-branka ta' Bormla.

Illi **B** l-konvenut xehed *viva voce* illi jkopri l-kariga ta' *'officer'* fl-iskala 7 mad-Dipartiment tat-Turizmu. Il-konvenut xehed illi jahdem sas-2.30pm izda jlesti fis-1.00pm minhabba li jibda' xoghol kmieni u ghandu koncessjoni biex jaghmel dan.

Illi huwa xehed illi kien attiv f'kumitat politiku izda naqqas minhabba t-tfal. Ix-xhud xehed li huwa jkopri l-kariga ta' segretarju f'dan il-kumitat u huwa anki delegat fi hdan partit politiku.

Illi l-konvenut xehed illi qatt ma ried lil martu tmur tahdem. Huwa stqarr illi kellu bzonn jahdem iktar minhabba li martu m'oneratx l-obbligi stipulati fid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Illi l-konvenut xehed illi huwa ma jikolx fid-dar matrimonjali u anki ibnu jiekol ftit drabi. Huwa qal li ma jkun hemm xejn fil-*'fridge'* li jista' jittiekel. Huwa stqarr illi jiekol barra jew ghand ommu.

Illi l-konvenut xehed illi ghamel 12-il sena jzomm erbghin lira Maltin (Lm40) mill-paga tieghu u l-kumplament itih lil martu li kienet tgerger li ma jservuwiex.

Illi l-konvenut Emmanuel Bezzina xehed illi x-xoghol ta' manutenzjoni gewwa d-dar matrimonjali dejjem ghamlu hu.
Illi l-konvenut xehed illi martu kienet tikkontribwixxi izda kien huwa li kien ihallas l-iktar.

Illi l-konvenut xehed illi fid-dar kienet nieqsa l-imhabba u stqarr li huwa ma kienx *'heavy drinker'* kif ukoll li m'ghandux problema ta' abbuz ta' alkohol. Huwa xehed li ma kienx jixrob regolarment.

Illi l-konvenut xehed li huwa qatt ma refa' jdejh fuq martu anzi stqarr li martu kissret arlogg li kien ghamel hu u l-*'computer'* tal-kumitat u li gieli girfitu.

Illi l-konvenut cahad li qatt hedded lil martu b'xi snieter u stqarr li l-Pulizija qatt ma kkonfiskawlu z-zewgt isnieter tieghu.

Illi **Annabelle Pavia,** x-xhud li tkopri l-kariga ta' direttur tas-socjeta` *Hello Tourism Travel Agency Limited*, taf lill-attrici bhala gwida u gieli tat xoghol lill-attrici.

Illi **John Azzopardi**, x-xhud li jkopri l-kariga ta' *"manager"* mas-socjeta` Med Holiday Services Limited, jaf lill-attrici bhala gwida u darba nkarigawha biex taghmel dan ix-xoghol li ghadha ma thallsitx tieghu.

Illi **Ray Azzopardi,** ix-xhud li jkopri l-kariga ta' direttur mas-socjeta` Alpine Travel, xehed illi gieli taw xi xoghol ta' gwida lill-attrici.

Illi **Andre Farrugia,** x-xhud li jkopri l-kariga ta' *"Assistent General Manager"* mas-socjeta` Arrigo *Group of Companies*, xehed illi l-attrici gieli hadmet mas-socjeta` minnu rapprezentata.

Illi **Elizabeth Ellul**, x-xhud li hija impjegata mas-socjeta` Sterling Travel and Tourism Limited, xehdet illi taf lill-attrici li gieli hadmet bhala gwida mal-istess socjeta`. Hija xehdet illi l-introjtu tal-attrici jvarja u li l-attrici ma tahdimx *'full-time'* mas-socjeta` minnha rapprezentata. Skond ix-xhud, l-attrici hija l-gwida preferuta ta' din is-socjeta` ghax hija gwida tajba hafna.

Illi **Desiree Spiteri**, x-xhud li hija mpjegata ma' *'Colours of Malta'*, xehdet illi hija taf lill-attrici ghax gieli wzawha bhala gwida.

Illi **Joanne Falzon,** ix-xhud tahdem fis-sezzjoni tat-turizmu fid-Dipartiment tat-Turizmu. Xehdet li l-konvenut jahdem mad-Dipartiment tat-Turizmu bhala *'Officer'* fi skala 7.

Illi **l-iSpettur Alfred Mallia,** fix-xhieda tieghu pprezenta 4 rapporti maghmula mill-konvenut fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla.

## (ii) Apprezzament tal-provi.

Illi din il-Qorti thoss li fl-ewwel lok ghandu jigi enfassizzat il-pika kbira li hemm bejn il-partijiet f'din il-kawza, li assolutament xejn ma' waqfithom milli jipprezentaw numru kbir ta' rikorsi kull wiehed u billi bla ebda dubju abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti; anzi jinghad li minkejja

diversi twissijiet li dan l-atteggjament kien qed jaghmel anke hsara lill-istess minuri, l-istess partijiet baqghu b'dan l-atteggjament taghhom konsistenti, parti iktar minn ohra, kif din il-Qorti ser turi anke f'din is-sentenza taghha; dan japplika partikolarment ghall-missier li sistematikament ghamel minn kollox sabiex ma josservax diversi digrieti ta' din il-Qorti, anke digrieti moghtija minn diversi Imhallfin differenti, b'mod li ttenta jaghmel minn kollox sabiex l-istess konvenut taghddi tieghu; dan sfortunatament japplika anke ghall-pressjoni li din il-Qorti hasset li l-istess konvenut definitivament ghamel fuq ibnu, fejn jidher li ghamel minn kollox sabiex idawwar lill-istess ibnu kontra ommu, u din il-Qorti setghet tinnota *a prima vista* meta hija kellmet wahedha lill-istess minuri, li indika x-xewqat tieghu, izda din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-istess iben kien taht l-influwenza ta' missieru u jidher car li l-istess minuri kien gja gie ppreparat xi jghid quddiem din il-Qorti, u fil-fatt hekk gara.  Dwar dan il-Qorti hija kkonfortata minn dak li rraportat is-*social worker* fir-relazzjoni taghha tat-18 ta' Mejju 2005 fejn innotat li l-istess minuri D huwa influwenzat bi kbir minn missieru; jidher ukoll mill-atti li peress li bintu min-naha l-ohra baqghet kemm jista' jkun newtrali l-istess konvenut ma hasibix wisq sabiex jattakkaha sahanistra lill-istess bintu.

Illi dan qed jinghad kollu fl-atmosfera ta' konflitt kontinwu fejn ma hemm l-ebda dubju li l-partijiet kienu kontinwament waqt l-istess proceduri jiggieldu quddiem uliedhom u dwar dan ma hemm l-ebda dubju li saret hsara kbira lill-istess minuri, u din il-Qorti setghet tara quddiemha stess li l-konvenut assolutament ma setax jaccetta l-fatt li hemm din il-kawza ta' separazzjoni u wkoll li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri giet fdata mill-Qorti anke mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili lill-omm b'digriet *ad hoc.* Minn dak inhar il-quddiem huwa ma waqafx fit-tentattiv tieghu li jattakka b'kull mod l-istess digriet dwar il-kura u kustodja w anke dwar il-kontribut tieghu ta' manteniment ta' l-istess minuri – dan b'mod mill-iktar konsistenti li sahansitra nvolva fih lill-istess minuri u partikolarment lil ibnu D.

Illi din il-Qorti tat diversi opportunitajiet lill-partijiet sabiex jaslu ghal ftehim, izda f'din l-atmosfera, li din il-Qorti thoss li giet mahluqa mill-konvenut, bl-attitudini aggressiva u negattiva tieghu, riflessa anke bil-mod kif mexa f'dawn il-proceduri, kien impossibbli sabiex wiehed jasal ghal ftehim, almenu dwar l-istess minuri, ftehim li kien juri lill-istess ulied li l-genituri taghhom kienu kapaci jiftehmu almenu dwarhom, u dan fih innifsu kien ikun ta' gid enormi ghall-istess minuri – haga li pero` baqghet ma sehhitx anke ghaliex l-akkuzi baqghu persistenti u l-pika baqghet dejjem esagerata u ghalhekk il-partijiet ikkundannaw lil uliedhom stess ghal jiem shah ta' glied.

Illi dak li kompla kabbar din il-problema kien il-fatt li z-zewg partijiet jidher li baqghu jinsistu li t-tnejn jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali, haga li ovvjament fic-cirkostanzi kollha hawn spjegati, u fuq ammissjoni tal-partijiet stess hija mpossibbli li tibqa' ssir, specjalment ghal gid ta' l-istess minuri u fl-ahhar mill-ahhar ghall-partijiet stess; jidher li hawn dahlet ir-realizazzjoni li min mill-genituri jkollu l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri, kien ser ikun ivvantaggjat fid-decizjoni finali, u dan peress li ovvjament il-Qorti kienet ser tipprova ssib l-ahjar soluzzjoni fl-interess tal-minuri, u fi kliem is-*social worker* izomm kemm jista' jkun certu element ta' stabbilta` ghall-istess minuri.

Illi ovvjament din ma hijiex l-unika konsiderazzjoni li l-Qorti tiehu sabiex tasal sabiex tassenja d-dar matrimonjali u f'dan il-kaz ix-xelti li hemm disponibbli huma iktar limitati *stante* li d-dar matrimonjali tinsab ghand il-partijiet b'titolu ta' kera, u fic-cirkostanzi ma hemm l-ebda dubju li kif inhuma l-partijiet ma jistghux assultament jghixu flimkien; izda min-naha l-ohra kull parti tinsisti li ghandha tghix hija fl-istess dar – u ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz ghal dan il-ghan il-konvenut ipprova jinfluwenza lil minuri kontra ommhom; haga li l-omm ma ppruvatx taghmel, ghalkemm ovvjament dahlet f'pika u litigju sew mal-konvenut.

Illi din il-Qorti hawn bla ebda riserva tikkundanna l-attitudini kollha wzata mill-konvenut anke ma' uliedu stess

u certament li huwa ma kienx qed jahseb biss fl-interess ta' uliedu izda fuq kollox fl-interess tieghu u dan huwa rifless ukoll fid-diversi diffikultajiet li huwa holoq sabiex ma jhallasx manteniment ghal uliedu kif ordnat, bil-mod kif influwenza lil ibnu bi kliem dispreggattiv kontra ommu, bil-mod kif hareg lill-istess ibnu mill-iskola privata u dan anke minghajr ma qabel talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, tant li l-istess Qorti diversament ippresjeduta kkummentat fuq l-istess.

Illi dan huwa iktar sinifikattiv meta wiehed jara li skond n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu l-istess konvenut jghid li huwa qatt ma ried jissepara izda kien u ghadu jhobb lill-martu; pero` certament dak kollu li l-istess konvenut qal, xehed u ghamel f'din il-kawza ma' humiex atti ta' mhabba izda atti ta' pika u mohqrija esagerata, li sahansitra kienet intenzjonata sabiex twassal lil uliedu stess sabiex jobghodu lil ommhom; certament li dan ma ghandux ikun u din il-Qorti ma thossx li dan ghandha thallih isehh – specjalment f'dan il-kaz fejn il-konvenut messu agixxa mod iehor anke meta wiehed jikkonsidra l-kariga gholja u ta' responsabbilta` li huwa ghandu fic-civil bhala *Senior Principal Officer*.

Illi huwa fid-dawl ta' dan kollu wkoll li din il-Qorti thoss li l-allegazzjoni tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici ma jistax ikun jirnexxu, u fuq kollox la gew ikkorroborati u fi kwalunkwe kaz ma humiex verosimili, iktar u iktar meta l-istess Qorti kellha l-opportunita` li tinnota l-komporatment tal-konvenut quddiemha, fejn deher car li assolutament ma jridx jaccetta s-sitwazzjoni li fuq kollox huwa kien unikament responsabbli sabiex iz-zwieg ma' l-attrici wasal sa hawn.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li ma ghandhiex triq ohra hlief li taqbel ma' dak li rrelata l-bravu Perit Legali Dr. Richard Sladden u dan ghaliex il-versjoni ta' l-attrici giet effettivament ippruvata ghas-sodisfazzjoni ta' l-istess perit legali u wkoll ta' din il-Qorti u fil-kuntest ta' kif agixxew il-partijiet anke f'dawn il-proceduri ma hemm l-ebda dubju li l-versjoni ta' l-attrici hija mhux biss l-iktar verosimili izda wkoll dik li giet ikkorroborata kemm

b’xhieda ohra u anke u fuq kollox bil-komportament tal-konvenut, li agixxa b’mod u manjiera li jidher car li jikkonsidra li dak li jaghmel huwa, huwa kollox tajjeb, u alla hares min ma jaqbilx mieghu ghaliex allura dan ikun suggett ghal swat, theddid, ingurji gravi u eccessi u mohqrija, kif gie spjegat sew minn martu; dan bil-konsegwenza li kull harga u dahla huwa ried bilfors jaqbad kwistjoni ma’ l-istess attrici, kwistjonijiet u argumenti li kibru hekk kif bdew johorgu l-ewwel digrieti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, li l-istess konvenut hass li marru kontra tieghu.

Illi din il-Qorti tirrileva li l-istess perit legali konformament ma’ dan ikkummenta li *“ghandu jigi apprezzat il-mod ta' kif l-attrici giet trattata u stmata tul iz-zwieg meta kulma rat huwa swat, ingurji u theddid u kellha tqum u torqod kontinwament b'din il-biza’ ”.*

Illi din il-Qorti thoss li l-istess attrici giet soggetta ghal dan it-trattament anke matul din il-kawza u llum ma jistax ikun li dan l-agir abbusiv u krudili tal-konvenut ghandu jibqa’ jigi ttollerat u dan anke qed jinghad fl-isfond tal-fatt li minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti halliet lill-istess koppja tghix fl-istess dar fil-mori tal-kawza, bl-isperanza li l-istess koppja tasal f’xi forma ta’ ftehim; dan baqa’ ma sehhx anke ghaliex jidher li fl-ahhar il-partijiet ma baqghux jaraw u dahhlu f’sitwazzjoni ta’ *win all,* meta *in verita’* kull kawza ta’ separazzjoni hadd, u verament hadd ma’ jirbah, izda biss ikun hemm min tilef l-izjed; u certament bhal dan il-kaz l-iktar li jitilfu huma wlied il-partijiet, li fil-verita` ma’ kienu jahtu ghal xejn mid-disgwid li nqala’ bejn il-partijiet.

Illi inoltre, l-konvenut ghalkemm fl-eccezzjonijiet tieghu stqarr li z-zwieg iddeterjora minhabba l-personalita` pussessiva tal-attrici u minhabba l-agir vjolenti u ta' theddid tal-attrici fil-konfront tal-konvenut, l-istess konvenut ma ressaqx provi ta' min jorbot fuqhom u li b'xi mod setghu juru dak minnu allegat, anzi din il-Qorti thoss li dak allegat mill-konvenut huwa ghal kollox kontradett mill-provi l-ohra prodotti u dan apparti l-fatt li din il-Qorti

thoss li l-versjoni tal-konvenut ma hijiex la kredibbli u lanqas *verosimili*.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, eccessi, nkluzi swat, minacci u theddid u ngurji gravi li kawza ta' l-istess iz-zwieg u l-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

Illi dwar it-tieni talba fejn l-attrici qed titlob li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tigi fdata lilha, il-Qorti tesprimi l-opinjoni tal-perit legali u kemm tas-*social worker* li t-tnejn li huma enfassizzaw li l-agir tal-kontendenti bi glied kontinwu bejniethom diga kkawza hafna hsara fuq it-tfal - bizzejjed wiehed jara dak li allegatament sehh quddiemhom minn dawk li suppost huma ta' gwida ghalihom, kif ukoll certi allegazzjonijiet (ara d-diversi rikorsi pprezentati quddiem din l-Onorabbli Qorti) li huma ta' ghajb ghal min holoqhom jew kabbarhom.

Illi dwar dan kien hemm il-persistenza minn kull naha li tiehu l-kura u l-kustodja tat-tfal hija; f'dan il-kuntest hija elokwenti hafna l-atteggjament tat-tifla tal-kontendenti li bla hafna kliem zejjed indikat lill-Qorti x'kien jigri meta l-konvenut kien jara lill-attrici specjalment meta l-partijiet kienu ghaddejjin minn dawn il-proceduri – deskrizzjoni li kienet anke f'ghajnejn it-tifla li jidher li accettat li dak kien id-destin taghha li tara dawn il-litigji, xi drabi anke vjolenti quddiemha; l-atteggjament tat-tifel kien differenti fis-sens li jidher car li kien taht l-influwenza ta' missieru, u din hija l-impressjoni nkonfutabbli ta' din il-Qorti meta ltaqghet ma' l-istess minuri, li jidher car, b'rispett dejjem anke lejn l-istess minuri, li kien deciz biss li jwassal il-messagg ta' missieru u xejn izjed. Ovvjament dan huwa effett tal-pressjoni li saret fuq l-istess minuri u dan huwa indikat mir-rapport *tas-social worker* mill-Agenzija Appogg li giet inkarigata minn din il-Qorti.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri ghandhom jigu fdati f'idejn l-attrici b'dan illi l-konvenut ikollu access ghal bintu kull nhar

ta' Tnejn u Hamis mill-5.00.p.m. sas-7.00.p.m. u darba is-Sibt u darba l-Hadd alternattivament mid-9.00.a.m. sa' 12.00.p.m. b'dan pero` li l-istess minuri ghandha jkollha l-liberta` kollha u l-ispazju necessarju sabiex tattendi ghall-istess access jekk tkun trid hija u hadd mill-genituri ma ghandu jaghmel pressjoni fuqha.

Illi min-naha l-ohra ghar-rigward tal-minuri D l-istess minuri ghandu jirresjedi ma' l-omm b'dan pero` li filwaqt li l-istess omm tkun ix-xoghol, l-istess minuri huwa liberu li jekk ma jkunx l-iskola jkollu access ma' missieru, u ghal dan l-iskop din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg preferibbilment *tramite* s-*social worker* Marisa Gatt sabiex tikkoordina l-istess access meta l-attrici tkun xoghol, b'dan pero` li l-istess Agenzija Appogg ghandha tara li hadd mill-partijiet ma ghandu jinfluwenza jew jitkellem mal-minuri kontra l-genitur l-iehor, filwaqt li z-zewg partijiet ghandhom isegwu korsijiet ta' terapija li lilhom tigi ndikata mill-Agenzija Appogg sabiex hadd minnhom ma' jkompli jinvolvi lill-istess ulied fil-problemi ta' bejniethom u dan kollox a spejjez taz-zewg partijiet; tordna wkoll li l-istess minuri D jsegwi korsijiet ta' terapija adegwata ndikata lill-genituri mill-Agenzija sabiex tirrimedja jew ittaffi ghal kull hsara li l-istess minuri kellu jsofri minhabba l-agir indikat f'din is-sentenza u dan a spejjez taz-zewg partijiet u ghal dan l-iskop tordna lill-partijiet sabiex jinnotifikaw ghas-spejjez taghhom kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex l-istess Agenzija tiehu konjizzjoni ta' l-istess.

Illi dwar it-tielet talba fejn l-attrici qed titlob biex il-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja ghaliha u ghaz-zewgt itfal minuri, din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha prodotti hija tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar bhala manteniment tat-tfal minuri b'dan illi l-istess konvenut ihallas ukoll l-iskejjel taz-zewg itfal li ghandhom jibqghu fl-iskejjel prezenti kif ukoll l-uniformijiet, l-kotba u l-privatijiet necessarji u l-ispejjez kollha extra-kurrikurali. Dan il-manteniment li ghandu jghola skond l-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jinghata sakemm it-tfal isibu xoghol *'full-time'*. Illi l-istess manteniment ghandu jinqata' direttament

mill-paga ta’ l-istess konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-attrici fil-kont taghha ndikat mal-Bank of Valletta p.l.c numru 40014174571 jew kull kont iehor li l-istess attrici tista’ tindika b’nota registrata appozita lill-istess *employer* tal-konvenut. Din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess *employer* u l-Awtorita` li thallas lill-konvenut sabiex l-istess jaderixxu ruhhom ma’ l-istess.

Illi din il-Qorti thoss li peress li l-istess attrici llum ghandha attwalment l-impjieg taghha ma hijiex ser tillikwida l-ebda ammont ta’ manteniment favur taghha, pero` xorta wahda l-istess attrici ghandha d-dritt skond il-ligi ghall-manteniment jekk ikun il-kaz u jekk dan ikun lilha ntitolat skond il-ligi u ghalhekk jitbiddlu c-cirkostanzi prezenti u dan peress li kien il-konvenut li huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti kif fuq inghad.

Illi dwar ir-raba' talba tal-attrici u cioe` li jigu applikati kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**, din il-Qorti thoss li l-istess dispozizzjonijiet ghandhom japplikaw fl-*intier* taghhom fil-konfront tal-konvenut.

Illi dwar il-hames talba fejn l-attrici talbet li tigi ddikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Bezzina u din il-Qorti tilqa’ din it-talba b’dan li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u tillikwida u tassenja l-istess effetti formanti parti l-komunjoni ta’ l-akkwisti kemm bl-applikazzjoni ta’ **l-artikolu 48 u 55 A** fir-rigward tad-dar matrimonjali u wkol mill-bqija *arbitro boni viri* b’dan li ghandhom u qed jigu assenjati lill-attrici s-segwenti:-

(a) Il-kirja tad-dar matrimonjali *'The Cottage'*, Marina Wharf, Kalkara u l-oggetti ta' gewwa fiha nkluzi il-bjankerija, l-affarijiet tal-kcina, l-*'fridge'*, il-*'cooker'*, il-*'washing-machine'* u l-*'electric heaters'* hlief fejn imsemmi mod iehor, b’dan li l-istess l-attrici flimkien ma’ wliedha ghandu jkollha esklussivament d-dritt li tirrisjedi ma’ wliedha fl-istess fond b’titolu ta’ kera li ghandu jdur fuq

isimha b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u b'dan li l-istess konvenut qed jigi terminat lilu kull dritt fuq l-istess fond, li b'din is-sentenza qed jigi trasferit lill-attrici, bil-kundizzjoni li l-istess immobbli jibqa' r-residenza ta' l-istess attrici; ghal dan l-iskop din il-Qorti tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta' tletin gurnata sabiex il-konvenut jizgombra ruhu mill-istess fond, u fin-nuqqas li jaghmel dan fit-terminu hawn qasir u perentorjament moghti din il-Qorti tordna l-izgumbrament ta' l-istess konvenut mill-istess fond bl-assistenza tal-Marixxalli tal-Qorti u tal-Pulizija Esekuttiva u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din s-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lis-sid tal-kera, ir-Registratur tal-Qorti u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

(b) Il-kmamar tas-sodod tat-tfal bl-oggetti kollha tat-tfal kif ukoll il-kcina maghmula minn missier l-attrici;

(c) In-nofs tal-*Joint Account (fixed)* f'isem il-konjugi Bezzina mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 40010579727 bl-ammont ta' ghaxar t'elef, disa' mija u sitta u tmenin lira Maltin u seba' u sebghin centezmu (Lm10,986.77);

(d) *Savings Account* bin-numru 40011673651 mal-Bank of Valletta plc bl-ammont ta' elf, tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin u erba' u sittin centezmu (Lm1,353.64) b'dan li dan il-kont ghandu jigi amministrat mill-attrici ghan-nom tal-minuri hemm indikati.

(e) *Savings Account* bin-numru 16509060027 mal-Bank of Valletta bl-ammont ta' elf, tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltin u erba' u hamsin centezmu (Lm1,382.54) b'dan li dan il-kont ghandu jigi amministrat mill-attrici ghan-nom tal-minuri hemm indikati.

(f) In-nofs ta' kull somma kapitali li l-konvenut huwa ntitolat li jircievi meta jirtira jew jispicca s-servizz tieghu mal-Gvern, b'dan li tali nofs is-somma tkun pagabbli direttament lill-attrici mill-Awtoritajiet kompetenti, eskluza kull pensjoni li huwa ntitolat ghaliha.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti tassenja lill-konvenut bhala sehemu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti s-segwenti:-

(a) Il-vettura Mazda 626 bin-numru ta' registrazzjoni ABJ-064.

(b) Il-vettura Maruti Gypsy bin-numru ta' registrazzjoni EAU-124.

(c) Dghajsa 'Kaptan' bil-mutur u zewg muturi ohra tal-bahar.

(d) *Sitting room* bid-dejn li hemm fuqha.

(e) In-nofs tal-*Joint Account (fixed)* f'isem il-konjugi Bezzina mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 40010579727 bl-ammont ta' ghaxar t’elef, disa’ mija u sitta u tmenin lira Maltin u seba’ u sebghin centezmu (Lm10,986.77);

(f) Kont mal-HSBC Malta plc bin-numru 040002735050 bl-ammont ta' erba’ mija tmienja u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm478.43).

(g) *Savings Account* mal-HSBC Malta plc bin-numru 404225170 bl-ammont ta' tlett mija u hdax-il lira Maltin (Lm311).

(h) *Current Account* mal-HSBC Malta plc bin-numru 401008829 bl-ammont ta' hames liri Maltin (Lm5).

(i) In-nofs ta’ kull somma kapitali li l-konvenut huwa ntitolat li jircievi meta jigi biex jirtira u jispicca s-servizz tieghu mal-Gvern, b’dan li tali nofs is-somma tkun pagabbli direttament lill-attrici mill-Awtoritajiet kompetenti, eskluza l-pensjoni li huwa ntitolat ghaliha

6. Illi dwar is-sitt talba tal-attrici biex jigi nominat Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att, din mhijiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi dwar is-seba' talba tal-attrici sabiex il-konvenut jigi kkundannat jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u li l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha, din il-Qorti thoss li din it-talba ghandha tigi milqugha fis-sens li ghandhom jinghataw lilha dawk l-oggetti kollha dotali li pero` gja jinsabu fil-pussess taghha *stante* li jinsabu fid-dar konjugali. Illi dwar l-ammonti msemmija mill-attrici bhala parafernali din il-Qorti thoss li hemm tpacija ma' dak pretiz mill-konvenut fl-istess rigward u fi kwalunkwe kaz din il-Qorti hadet konsiderazzjoni ta' l-istess fid-dawl ta' dak minnha provdut konsegwenti ghall-hames talba attrici.

Illi dwar it-tmien talba tal-attrici fejn qed titlob li tigi awtorizzata tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, din tohrog mill-ligi u konsegwentement ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u b'hekk tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li din sehhet minhabba li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, eccessi, nkluzi swat, minacci u theddid u ngurji gravi li kawza ta' l-istess iz-zwieg u l-konvivenza bejn il-partijiet ma' ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment u b'hekk tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha.

2. Tilqa' din it-talba u tordna illi l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri, C u D, tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici b'dan illi l-konvenut ikollu access ghal bintu C kull nhar ta' Tnejn u Hamis mill-5.00 p.m. sas-7.00p.m. u darba s-Sibt u darba l-Hadd alternattivament mid-9.00

a.m. sa 12.00 p.m. b'dan pero` li l-istess minuri ghandha jkollha l-liberta` kollha u l-ispazju necessarju sabiex tattendi ghall-istess access jekk tkun trid hija u hadd mill-genituri ma ghandu jaghmel pressjoni fuqha.

Illi min-naha l-ohra ghar-rigward tal-minuri D l-istess minuri ghandu jirresjedi ma' l-omm b'dan pero` li filwaqt li l-istess omm tkun ix-xoghol, l-istess minuri huwa liberu li jekk ma jkunx l-iskola jkollu access ma' missieru, u ghal dan l-iskop din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg preferibbilment tramite s-*social worker* Marisa Gatt sabiex tikkoordina l-istess access meta l-attrici tkun xoghol, b'dan pero` li l-istess Agenzija Appogg ghandha tara li hadd mill-partijiet ma ghandu jinfluwenza jew jitkellem mal-minuri kontra l-genitur l-iehor, filwaqt li iz-zewg partijiet ghandhom isegwu korsijiet ta' terapija li lilhom tigi ndikata mill-Agenzija Appogg sabiex hadd minnhom ma jkompli jinvolvi lill-istess ulied fil-problemi ta' bejniethom u dan kollox a spejjez taz-zewg partijiet; tordna wkoll li l-istess minuri D isegwi korsijiet ta' terapija adegwata ndikata lill-genituri mill-Agenzija Appogg sabiex tirrimedja jew itaffi ghal kull hsara li l-istess minuri kellu jsofri minhabba l-agir indikat f'din is-sentenza u dan a spejjez taz-zewg partijiet u ghal dan l-iskop tordna lill-partijiet sabiex jinnotifikaw ghas-spejjez taghhom koppja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex l-istess Agenzija tiehu konjizzjoni ta' l-istess.

(3) Illi tilqa' t-tielet talba attrici fis-sens li tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar bhala manteniment tat-tfal minuri b'dan illi l-istess konvenut ihallas ukoll l-iskejjel taz-zewg itfal li ghandhom jibqghu fl-iskejjel prezenti kif ukoll l-uniformijiet u l-kotba u l-privatijiet necessarji u l-ispejjez kollha extra-kurrikurali. Dan il-manteniment li ghandu jghola skond l-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jinghata sakemm it-tfal isibu xoghol *'full-time'*. Illi l-istess manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga ta' l-istess konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-attrici fil-kont taghha ndikat mal-Bank of Valletta p.l.c numru 40014174571 jew kull kont iehor li l-istess attrici tista' tindika b'nota registrata appozita lill-istess *employer* tal-konvenut. Din il-

Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess *employer* u l-Awtorita` li thallas lill-konvenut sabiex l-istess jaderixxu ruhhom ma’ l-istess.

Illi din il-Qorti thoss li peress li l-istess attrici llum ghandha attwalment l-impjieg taghha ma hijiex ser tillikwida l-ebda ammont ta’ manteniment favur taghha, pero` xorta wahda l-istess attrici ghandha d-dritt skond il-ligi ghall-manteniment jekk ikun il-kaz u jekk dan ikun lilha ntitolat skond il-ligi u ghalhekk jitbiddlu c-cirkostanzi prezenti u dan peress li kien il-konvenut li huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti kif fuq inghad.

(4) Illi tilqa’ r-raba' talba tal-attrici u din il-Qorti thoss li l-istess disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**, ghandhom japplikaw fl-intier taghhom fil-konfront tal-konvenut.

(5) Illi dwar il-hames talba attrici din il-Qorti tilqa’ din it-talba b’dan li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u tillikwida u tassenja l-istess effetti formanti parti l-komunjoni ta’ l-akkwisti kemm bl-applikazzjoni ta’ **l-artikolu 48** kontra l-konvenut u **l- artikolu 55 A** fir-rigward tad-dar matrimonjali favur l-attrici u wkoll mill-bqija *arbitro boni viri* b’dan li ghandhom u qed jigu assenjati lill-attrici s-segwenti:-

(a) Il-kirja tad-dar matrimonjali *'The Cottage'*, Marina Wharf, Kalkara u l-oggetti ta' gewwa fiha nkluzi l-bjankerija, l-affarijiet tal-kcina, l-*'fridge'*, il-*'cooker'*, il-*'washing-machine'* u l-*'electric heaters'* hlief fejn imsemmi mod iehor, b’dan li l-istess l-attrici flimkien ma’ wliedha ghandu jkollha esklussivament id-dritt li tirrisjedi ma’ uliedha fl-istess fond b’titolu ta’ kera li ghandu jdur fuq isimha b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u b’dan li l-istess konvenut qed jigi terminat lilu kull dritt fuq l-istess fond, li b’din is-sentenza qed jigi trasferit lill-attrici, bil-kundizzjoni li l-istess immobbli jibqa’ r-residenza ta’ l-istess attrici; ghal dan l-iskop din il-Qorti tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta’ tlettin gurnata sabiex il-konvenut jizgombra ruhu mill-istess fond, u fin-nuqqas li

jaghmel dan fit-terminu hawn qasir u perentorjament moghti, din il-Qorti tordna l-izgumbrament ta’ l-istess konvenut mill-istess fond bl-assitenza tal-Marixxalli tal-Qorti u tal-Pulizija Esekuttiva u ghal dan iskop tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lis-sid tal-kera, ir-Registratur tal-Qorti u lill-Kummissarju tal-Pulizija. L-ispejjez tas-servizzi kollha ta’ l-istess dar b’effett mid-data effettiva meta l-konvenut jizgombra ruhu mid-dar konjugali ghandhom ikunu a karigu ta’ l-attrici; spejjez qabel din id-data jibqghu kif dekretati *pendente lite.*

(b) Il-kmamar tas-sodod tat-tfal bl-oggetti kollha tat-tfal kif ukoll il-kcina maghmula minn missier l-attrici;

(c) In-nofs tal-*Joint Account (fixed)* f'isem il-konjugi Bezzina mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 40010579727 bl-ammont ta' ghaxar t’elef, disa’ mija u sitta u tmenin lira Maltin u seba’ u sebghin centezmu (Lm10,986.77);

(d) *Savings Account* bin-numru 40011673651 mal-Bank of Valletta plc bl-ammont ta' elf tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin u erba’ u sittin centezmu (Lm1,353.64) b’dan li dan il-kont ghandu jigi amministrat mill-attrici ghan-nom tal-minuri hemm indikat.

(e) *Savings Account* bin-numru 16509060027 mal-Bank of Valletta bl-ammont ta' elf tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltin u erba’ u hamsin centezmu (Lm1,382.54) b’dan li dan il-kont ghandu jigi amministrat mill-attrici ghan-nom tal-minuri hemm indikat.

(f) In-nofs ta’ kull somma kapitali li l-konvenut huwa ntitolat li jircievi meta jirtira jew jispicca s-servizz tieghu mal-Gvern, b’dan li tali nofs is-somma tkun pagabbli direttament lill-attrici mill-Awtoritajiet kompetenti, eskluza kull pensjoni li huwa ntitolat ghaliha.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti tassenja lill-konvenut bhala sehemu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti is-segwenti:-

(a) Il-vettura Mazda 626 bin-numru ta' registrazzjoni ABJ-064.

(b) Il-vettura Maruti Gypsy bin-numru ta' registrazzjoni EAU-124.

(c) Dghajsa 'Kaptan' bil-mutur u zewg muturi ohra tal-bahar.

(d) *Sitting room* bid-dejn li hemm fuqha.

(e) In-nofs tal-*Joint Account (fixed)* f'isem il-konjugi Bezzina mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 40010579727 bl-ammont ta' ghaxar t'elef, disa' mija u sitta u tmenin lira Maltin u seba' u sebghin centezmu (Lm10,986.77);

(f) Kont mal-HSBC Malta plc bin-numru 040002735050 bl-ammont ta' erba' mija tmienja u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm478.43).

(g) *Savings Account* mal-HSBC Malta plc bin-numru 404225170 bl-ammont ta' tlett mija u hdax-il lira Maltin (Lm311).

(h) *Current Account* mal-HSBC Malta plc bin-numru 401008829 bl-ammont ta' hames liri Maltin (Lm5).

(i) In-nofs ta' kull somma kapitali li l-konvenut huwa ntitolat li jircievi meta jigi biex jirtira u jispicca s-servizz tieghu mal-Gvern, b'dan li tali nofs is-somma tkun pagabbli direttament lill-attrici mill-Awtoritajiet kompetenti, ezkluza l-pensjoni li huwa ntitolat ghaliha.

6. Illi tichad din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha.

7. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha, u din il-Qorti tilqa' t-talba fis-sens li hija ghandha tiehu l-beni dotali u parafernali taghha li pero` gja jinsabu fil-pussess taghha *stante* li jinsabu fid-dar konjugali li giet assenjata lilha bil-mobbli ta' go fiha kif premess; Illi dwar l-ammonti

msemmija mill-attrici bhala parafernali din il-Qorti thoss li hemm tpacija ma' dak pretiz mill-konvenut fl-istess rigward u fi kwalunkwe kaz din il-Qorti hadet konsiderazzjoni ta' l-istess fid-dawl ta' dak minnha provdut konsegwenti ghall-hames talba attrici.

8. Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut u tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg, lir-Registratur tal-Qorti u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi b'dan ukoll li peress li din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn, u abbuzaw bil-proceduri quddiem din il-Qorti, nkluz il-fatt li l-istess partijiet urew pika esagerata bejniethom waqt l-istadju kollu tal-kawza u minhabba n-nuqqas taghhom li jressqu l-provi taghhom fil-hin u kif dirett minnhom mill-Qorti, u anke bil-mod li abbuzaw mill-proceduri tar-rikorsi *pendente lite* rifless bin-numru konsiderevoli ta' rikorsi pprezentati fil-mori ta' din il-kawza, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda “A” tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna li l-attrici thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u min-naha l-ohra li l-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijiet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------